**KUNSILL LOKALI IL-MUNXAR**
Triq Il-Profs Ġuże’ Aquilina
Il-Munxar MXR1012
-----------------------------------------
**KUMITAT AMMINISTRATTIV IX-XLENDI**

**1.00 Laqgħa Numru KA25.**

1.01 Minuti tal-laqgħa ta’ nhar it-Tnejn, 10 ta’ Ġunju 2013, miżmuma fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill Lokali, Il-Munxar.

1.02 Il-Kumitat iltaqa’ fis-6.30 ta’ filgħaxija.

1.03 Preżenti għal din il-laqgħa:

Is-Sur Godwin Azzopardi - *Chairperson*.
Is-Sur Mark Anthony Busuttil - *Viċi-Chairperson.*
Is-Sur Vincent Borg – Membru.
Is-Sur Michele Fenech Adami - Membru.

Is-Sur Joseph Sultana - Sindku.

Is-Sur Anthony Grech - Segretarju Eżekuttiv.

Skużata kien hemm is-Sinjura Joselle Camilleri - Membru.

1.04 Il-Kumitat segwa l-Aġenda li ntbagħtet fit-3 ta’ Ġunju 2013.

1. Approvazzjoni tal-Minuti.
2. Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.
3. Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.
4. Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.
5. Kalendarju ta’ Attivitajiet 2013 – Ix-Xlendi.
6. Proposta tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival taċ-Ċeramika, organizzat mill-Uffiċċju tal-Kultura – Ministeru għal Għawdex – kollaborazzjoni.
7. Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.
8. Mistoqsijiet mill-membri.
9. Materji oħra.

1.05 Ġew approvati l-Minuti tal-laqgħa KA24.

**2.00 Kisi tal-Passaġġ tax-Xtajta tax-Xlendi.**

2.01 Peress li l-MEPA u l-MTA ma jippermettux li jsiru xogħlijiet li joħolqu inkonvenjent bejn il-15 ta’ Ġunju u t-30 ta’ Settembru 2013, il-Kumitat ser jikteb lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li dan ix-xogħol ser jibda wara t-30 ta’ Settembru 2013.

**3.00 Xogħlijiet fil-Mitħna Sotterranja tax-Xlendi.**

3.01 Ix-xogħlijiet kienu mqassma f' 4 *Lots*:
*Lot* 1 jikkonċerna r-restawr tal-makkinarju u tal-post. Dan ix-xogħol huwa lest.
*Lot* 2 jikkonsisti f' *Provision*, *Installation*, *Testing and Commissioning* ta' *Electrical*, *Ventilation*, *Fire Detection, Alarm, CCTV, Data Network* u *Intrusion Detection Systems*. Dan ix-xogħol huwa lest.
*Lot* 3 jikkonsisti f' *Supply, Installation, Commissioning* ta' *Interpretation System*, *Static, Audio* u *Video Content* u *Interactive System*. Bħalissa qed isiru l-filmati.
*Lot* 4 jikkonsisti f' *Design, Develop* u *Commission* ta' *Website*. Bħalissa l-Kuntrattur qed jaħdem fuqha.

**4.00 Skema PPP – Toroq Il-Munxar u Ix-Xlendi.**

4.01 Issa li dawn ix-xogħlijiet ġew approvati mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali li jistgħu jinbdew ix-xogħlijiet, l-Avukat Mario Scerri qed jipprepara l-Kuntratt li ser jiġi ffirmat mal-Kuntrattur u wara jinbeda x-xogħol.

**5.00 Kalendarju ta' Attivitajiet 2013 – Ix-Xlendi.**

5.01 Dawn huma l-attivitajiet ippjanati li ser jittellgħu fix-Xlendi:
Il-Ħamis, 27 ta' Ġunju 2013 ser jittella' Wind Band Concert minn Loeten and Furnes Wind Band (Norway) fit-8.30 ta' filgħaxija.
Il-Ħamis, 11 ta' Lulju 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* The Wizard of Oz (1939) fid-9.00 ta' filgħaxija.
Bejn id-9.30 ta' filgħaxija tat-Tnejn, 15 ta' Lulju 2013 u n-12.30 ta' filgħodu tat-Tlieta, 16 ta' Lulju 2013 ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.
Is-Sibt, 27 ta' Lulju 2013 ser jiġi organizzat l-ewwel edizzjoni tal-Gozo Ceramic Festival bil-kollaborazzjoni tal-Gozo Culture Office, Ministeru għal Għawdex mis-7.00 ta' filgħaxija 'il quddiem u anke ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.
Il-Ħamis, 1 t' Awwissu 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* The Night of the Shooting Stars (1982) fid-9.00 ta' filgħaxija.
Bejn id-9.30 ta' filgħaxija tas-Sibt, 10 t' Awwissu 2013 u n-12.30 ta' filgħodu tal-Ħadd, 11 t' Awwissu 2013 ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.
Il-Ħamis, 22 t' Awwissu 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* 20,000 Leagues Under the Sea (1954) fid-9.00 ta' filgħaxija.
Bejn id-9.30 ta' filgħaxija tal-Ħadd, 1 ta' Settembru 2013 u n-12.30 ta' filgħodu tat-Tnejn, 2 ta' Settembru 2013 ser tiġi organizzata Il-Fjakkolata Tradizzjonali.
Il-Ħamis, 5 ta' Settembru 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* 2001: A Space Odyssey (1968) fit-8.30 ta' filgħaxija.
Il-Ħamis, 19 ta' Settembru 2013 ser ikun hemm il-wiri tal-*film* Annie (1982) fit-8.30 ta' filgħaxija.
Il-Ħadd, 22 ta' Settembru 2013 ser jittella' l-*Water Fun Park*.

**6.00 Proposta tal-Ewwel Edizzjoni tal-Festival taċ-Ċeramika, organizzat mill-Uffiċċju tal-Kultura – Ministeru għal Għawdex – kollaborazzjoni.**

6.01 It-Taqsima tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru għal Għawdex ser torganizza għall-ewwel darba fix-Xlendi l-Festival taċ-Ċeramika. Dan ser isir fis-27 ta' Lulju 2013. Waqt dan il-Festival, Ċeramisti ser jaħdmu *murals* sabiex dawn jitwaħħlu mal-ħajt tal-passaġġ ta' taħt Triq San Xmun. It-Taqsima tal-Kultura talbet sabiex il-Kumitat jorganizza l-Fjakkolata f' dik il-ġurnata. Kien hemm qbil dwar dan.

**7.00 Rapport tas-Segretarju Eżekuttiv.**

7.01 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li Sid ir-Ristorant Da Manuel qed jitlob sabiex fil-proġett ta' tisbiħ ta' Triq il-Kantra, titħalla bankina wiesgħa quddiem il-proprjeta` tiegħu sabiex ikunu jistgħu jsiru mwejjed. Il-Kumitat qabel dwar dan.

7.02 Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kumitat li fl-istores għandna sitt *litterbins* ġodda li jridu jitwaħħlu fix-Xlendi. Is-Sindku kien ser jimmarka fejn dawn ser jitwaħħlu.

7.03 Ġew ordnati 500 bott tal-landa sabiex jintużaw għall-Fjakkolata. Dawn ser jiġu jiswew €95.00.

7.04 Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali bagħat it-tabella tal-Allokazzjoni Finanzjarja Jannar-Diċembru 2013. Din it-tabella hija mqassma skont il-Funzjonijiet.

| FUNZJONI | € |
|---|---|
| PARKI, ĠONNA U 'SOFT AREAS' | 913 |
| MANUTENZJONI TA' TOROQ | 19,590 |
| IMMANIĠĠJAR TAL-ISKART | 18,015 |
| NEFQA GĦALL-AMMINISTRAZZJONI | 34,052 |
| FOND GĦALL-AĠĠUSTAMENT | 10,391 |
| * AMMONT ALLOKAT GĦAL 'TIPPING FEES' | 5,673 |
| ALLOKAZZJONI TOTALI € -> | 88,634 |

7.05 Il-Kumitat irċieva kwotazzjoni għall-*Projection* u *Sound* sabiex jintwerew *films open air* fix-Xlendi. L-istima hija ta' €290 għal kull *film*. Kien hemm qbil dwar dan.

7.06 Il-Kumitat irċieva stedina għal-laqgħa mal-Ministru Joe Mizzi fil-Ministeru tat-Trasport u l-Infrastruttura.

**8.00 Mistoqsijiet mill-membri.**

8.01 Iċ-*Chairperson* ġibed l-attenzjoni dwar id-dawl tal-istatwa ta' Sant' Indrija, l-għar ta' Karolina u l-*fairy lights* fejn dawn is-soltu jsiru max-Xtajta u fi Triq ir-Rabat.

**9.00 Materji oħra.**

9.01 Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-Kumitat dwar dawk il-*pots* li kienu tpoġġew fuq iċ-ċint ta' Xatt Ix-Xlendi. Il-Kumitat irid jiddeċiedi jerġax jitħawlu xitel u fjuri fihom jew jitneħħew. Peress li l-fjuri jmutu mal-ewwel, dawn il-*pots* għandhom jitneħħew.

9.02 Is-Sindku informa lill-Kumitat li l-*Bus Shelter* tal-*Parking* tax-Xlendi ser titneħħa u titpoġġa fejn dik il-*Kiosk* tat-Turiżmu. Il-Kunsill applika permezz ta' DNO mal-MEPA u l-Ministeru għal Għawdex ser jagħmel ix-xogħol.

9.03 Is-Sindku qed jissuġġerixxi sabiex ir-*reserved parking* tal-*buses* li hemm fil-*Parking* jiġi spostjat għal Triq ir-Rabat, eżattament fejn jiżbokka l-wied. Il-Kumitat qabel u kien ser iressaq it-talba lil Transport Malta.

9.04 Is-Sindku informa lill-Kumitat li r-*railing* tat-turġien tax-Xlendi kien ser jinbidel, il-kanen jinxtraw mill-Kumitat u x-xogħol isir mit-Taqsima tal-Beach Cleaners.
Fanal li twaħħal quddiem il-Lukanda St. Patrick's ser jiġi spostjat peress li qed jimblokka t-tinda.

Il-laqgħa spiċċat fit-8.30 ta' filgħaxija u ġie deċiż li dwar laqgħa oħra jiġi miftiehem aktar 'il quddiem.

**Godwin Azzopardi**
***Chairperson.***

**Anthony Grech**
***Segretarju Eżekuttiv.***